

32005D0773

5.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 291/45

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Novembru 2005

**li tirrevoka d-Deċiżjoni 2003/136/KE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer selvaġġi u t-tilqim ta' emerġenza ħnieżer selvaġġi kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Lussemburgu**

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4193)

(It-test Franċiż biss hu awtentiku)

(2005/773/KE)

### IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-kontroll ta' deni klassiku tal-ħnieżer<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-2001 id-deni klassiku tal-ħnieżer ġie kkonfermat fil-popolazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi fil-Lussemburgu.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/136/KE<sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni approvat il-pjanijiet imressqa mil-Lussemburgu għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-popolazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi u t-tilqim ta' emerġenza tal-ħnieżer selvaġġi.
- (3) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/224/KE, il-Kummissjoni approvat it-terminazzjoni tal-pjan għat-tilqim ta' emerġenza tal-ħnieżer selvaġġi.
- (4) Mill-informazzjoni provduta mil-Lussemburgu jidher li d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-popolazzjoni ta' ħnieżer selvaġġi nqed b'suċċess u l-pjan ta' eradicazzjoni approvat m'hemmx għalfejn jibqa' jiġi applikat.

(5) Għalhekk huwa xieraq li d-Deċiżjoni 2003/136/KE tiġi revokata.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha ta' l-Annimali,

### ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/136/KE hija rrevokata.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussembrugu u lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Direttiva kif emendata bl-Att tal-Adeżjoni ta' l-2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 53, 28.2.2003, p. 52. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/224/KE (ĠU L 71, 17.3.2005, p. 69).